# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 9 TA' MARZU 2001

Avviz Nru 15/00DM

Atlas Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta estera AXA Insurance p.l.c. kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghha Martin Caruana abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi, u l-istess Martin Caruana

vs

Amor Buntanfous

Il-Qorti,

Rat l-avviz tas-socjeta attrici ghal kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma komplessiva ta' LM581.87 (hames mija u wiehed u tmenin lira u seba' u tmenin centezmu) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata mill-Qorti, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi, rappresentanti d-danni fil-vettura tal-assigurat taghhom numru AAE 623, kawzati b'risultat tal-kollizzjoni li sehhet fis-16 ta' Marzu 1998, f'Depiro Street kantuniera ma' St Francis Street, Sliema meta il-konvenut kien qed isuq il-vettura AAN 793, li ghalihom is-socjeta attrici gia' hallset, u Lm25 bhala excess sofferti mill-attur l-iehor, stante li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni minhabba traskuraggini, imperizja, negligenza u nuqqas ta tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu.

Bl-imghax legali mid-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-konsult ammontanti ghal Lm10, tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment kontra l-assikurazzjoni tieghu u tal-ittri legali tat-18 ta' Dicembru 1998, tas-6 ta' April 1999 u tat-12 ta' Awissu 1999 kontra l-konvenut li gie ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Amor Buntanfous fejn eccepixxa illi;

1) It-talba tas-socjeta attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti m'ghandu l-ebda htija fl-incident awtomobilistiku li sehh fis-16 ta' Marzu, 1998, fi Triq Depiro kantuniera ma' Triq San Frangisk, Sliema;

2) Bla pregudizzju gahll-premess, l-ammont pretiz mis-socjeta attrici huwa esagerat kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz

4) Bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi dwar ir-responsabilita' il-provi jikkonsistu esklussivament fid-deposizzjonijiet ta' l-atturi u x-xhiedha minnhom prodotti li komplessivament jindikaw illi kien il-konvenut li kkawza il-kollizzjoni billi ma waqafx biex jesplora l-inkrocju mghamul minn Triq De Piro u Triq St. Francis meta kien qed isuq mill-ahhar triq li hija sekondarja ghall ta' l-ewwel.

Evidentement kien obbligu tal-konvenut li jiehu l-prekawzjonijiet kollha necessarji biex ma tfixkel lil ebda sewwieq iehor fit-triq u kien obbligu tieghu li, fi kwalunkwe kaz, f'inkrocju jghati d-dritta lit-traffiku provenjenti minn fuq ix-xellug.

Izda mill-provi inkontestati prodotti mill-atturi jirrizulta li l-konvenut mhux biss ma esplorax l-inkrocju u ta' dritta lil min kienet tispetta, izda b'sewqan eccessiv baqa diehel fl-inkrocju minghajr ma ghamel id-debita esplorazzjoni u habat mal-vettura misjuqa minn Angele Caruana li minn-naha taghha kienet osservat sew ir-regolamenti.

Ghaldaqstant issib lill-konvenut unikament risponsabbli ghall-kollizzjoni 'de quo' u konsegwentement irid jirrispondi ghad-danni li kkawza lill-atturi.

15/00DM

Mill-provi tal-atturi, senjatament mill-ircevuti esibiti, jirrizulta li dawn id-danni fil-fatt jammontaw ghas-somma komplessiva mitluba ta LM606.87

Ghaldaqstant tilqa t-talba tal-atturi u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi Atlas Insurance Agency Limited s-somma ta’ **Lm581.87** danni li sofrew in segwitu ghal-kollizzjoni li sehhet fis-16 ta’ Marzu 1998, f’Depiro Street kantuniera ma’ St Francis Street, Sliema meta il-konvenut kien qed isuq il-vettura AAN 793, liema danni s-socjeta attrici gia’ hallset, u li jhallas lill-attur Martin Caruana is-somma ta **Lm25** bhala excess sofferti minnu, stante li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni minhabba traskuraggini, imperizja, negligenza u nuqqas ta tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu. Bl-imghax legali b’effett mis-6 ta Jannar 2000

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

..............................................
Magt Dr D Montebello BA LLD

A. Farrugia
Dep.Reg.

Civil 22